

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.9.2008  
KUMM(2008) 522 finali

2008/0169 (AVC)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tikkonkludi l-ftehim li jstabilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, fuq in-naħa l-oħra**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku (QFPE) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra:

(i) Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-ftehim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat (QFPE).

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew bid-data tat-23 ta' Ottubru 2007, il-QFPE ġie nneozjat biex jiġi evitat li jitħarbat il-kummerċ mal-Komunità malli jiskadi r-reġim kummerċjali stipulat fl-Anness V tal-Ftehim ta' Cotonou fil-31 ta' Diċembru 2007 u r-rinunzja tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li tkopri dak ir-reġim kummerċjali. Dawn in-neozjati ġew konklużi permezz tal-inizjalur tal-QFPE fis-27 ta' Novembru 2007 qabel l-iskadenza tar-reġim kummerċjali stipulat fl-Anness V tal-Ftehim ta' Cotonou fil-31 ta' Diċembru 2007 u r-rinunzja tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li tkopri dak ir-reġim kummerċjali.

B'riżultat ta' dan, il-ħames Stati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant kollha kemm huma (il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, u l-Uganda) ġew inklużi fil-lista ta' pajjiżi fl-Anness I tar-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq tal-FPE adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2007<sup>1</sup> li bbenefikaw mill-offerta ta' aċċess għas-suq Komunitarju li saret fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku mill-1 ta' Jannar 2008. L-inklużjoni tagħhom f'din il-lista se ssir permanenti wara r-ratifika tal-QFPE mill-partijiet kollha. Dan se jiżgura reġim kummerċjali armonizzat bl-UE tipprovdi aċċess aħjar għas-suq għall-Istati Bi Sħab kollha tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, inklużi l-erba' pajjiżi li huma rikonoxxuti bħala l-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati min-Nazzjonijiet Uniti.

Il-QFPE huwa ftehim li jistabbilixxi qafas għal FPE li l-ambitu tiegħu se jiġi estiż bir-riżultat li jinkiseb min-neozjati għal FPE komprensiv mil-ħuq sa Lulju 2009. Huwa jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994<sup>2</sup>. Dan il-ftehim fih ukoll dispożizzjonijiet dwar regoli ta' oriġini, miżuri mhux tariffarji, miżuri ta' difiża kummerċjali, evitatar u soluzzjoni ta' tilwim, kif ukoll sajd u dispożizzjonijiet amministrattivi u istituzzjonali.

In-neozjar ta' FPE sħiħ jissokta b'mod konsistenti mad-direttivi għal Ftehimiet ta' Partenarjat Ewropew mal-Istati tal-AKP adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002.

Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jinkludu Kunsill tal-FPE magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet li għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-ftehim.

Sakemm jidħol fis-seħħ il-QFPE, il-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni ddeterminat ir-riżultati tan-neozjati bħala sodisfaċenti u f'konformità mad-direttivi tan-neozjati mill-Kunsill u titlob lill-Kunsill:

- biex jikkonkludi l-QFPE fisem il-Komunità.

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill 1528/2007.

<sup>2</sup> Il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (1994).

Il-Parlament Ewropew se jissejjaħ biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-QFPE.

L-Istati Membri huma wkoll partijiet mill-Ftehim, li għalhekk jeħtiegħu jiġi rratifikat minnhom skont il-proċeduri interni tagħhom.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tikkonkludi l-ftehim li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, fuq in-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 181 flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidra l-parir b'konformità tal-Parlament Ewropew<sup>4</sup>.

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku mal-pajjiżi tal-AKP.
- (2) In-negozjati għal ftehim li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku (minn issa 'l quddiem 'il-QFPE') ġew konklużi fis-27 ta' Novembru 2007 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, u l-Uganda).
- (3) Il-QFPE qed jiġi applikat b'mod provviżorju minn [...] 'l hawn sakemm dan jidħol fis-seħħ.
- (4) Il-QFPE għandu jiġi konkluż f'isem il-Komunità Ewropea,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-ftehim li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha huwa permezz ta' dan ta' hawnhekk konkluż f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 45(3) tal-Ftehim f'isem il-Komunità.

Magħmula fi Brussel, [...]

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*[...]*

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI  
GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT ESKLUSSIVAMENT GĦAN-  
NAĦA TAL-INTROJTU**

**1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonkludi l-ftehim li jstabilixxi qafas għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, fuq in-naħa l-oħra.

**2. IL-LINJI BAĠITARJI:**

Il-Kapitolu u l-Artikolu: 12/120

L-ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: **16 431 900 000 (Il-Baġit 2008)**

**3. L-IMPATT FINANZJARJU**

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq l-introjt – l-effett huwa kif ġej:

**4. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Biex jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikolu 22, tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn l-Istati Bi Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Artikolu 7 tal-Protokoll 2 meħmuż miegħu. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) u dawn għandhom jiġu rregolati bir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli regolari fuq il-post li jkunu bbażati fuq id-dokumenti.

**5. RIMARKI OĦRAJN**

It-tariffi doganali kollha li baqa' fuq il-prodotti li joriġinaw f'dawk ir-reġjuni tal-AKP jew stati li kkonkludew in-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku jew ftehimiet li jinkludu arranġamenti kummerċjali kompatibbli mad-WTO tneħħew permezz tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1528/2007. Għalhekk, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju addizzjonali assoċjat ma' din il-proposta.